**6 ta' Diċembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emanuel Galea

**Soprasessjoni**

*Huwa prinċipju ormai indubitat illi f'mateja ta' soprassessjoni, id-dikjarazzjoni tal-Qorti hija fondamentali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli fl-10.9.83 fl-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil Dr. Lawrence Seychell, akkużah quddiem awtorità kompetenti b'reat ċjoè li għamel ħsara volontarja li teċċedi l-Lm1,000 fi proprjetà tiegħu, meta kien jaf li l-imsemmi Dr. Lawrence Seychell kien innoċenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tal-31 ta' Awissu, 1984, li biha sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 99, Kap. 12 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu għoxrin lira (Lm20) multa;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi;

Itrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi essenzjalment dan l-appell jirriverti merament fuq kwistjoni ta' kredibilità għax il-punti l-oħra ta' natura legali li ssolleva l-appellant verament m'għandhomx ebda rilevanza għal każ oltre li mhumiex fondati. Infatti din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni ta' l-appellant li l-Ewwel Qorti jmissha ssoprassjediet ssakemm tispiċċa l-kawża pendenti kontra Dr.

Seychell. Infatti, għalkemm iż-żewġ kawżi huma ovvjament relattivi ma hemmx dubbju illi ma kien hemm xejn milli jwaqqaf lill-Qorti milli tipproċedi kif ipproċediet. Dan apparti mill-prinċipju ormai indubitat illi f'materja ta' soprassessjoni, id-dikjarazzjoni tal-Qorti hija fondamentali. Dwar l-aggravju l-ieħor li l-appellant ma ngħatax l-opportunità biex iressaq u jispjega l-każ tiegħu adegwatament skond il-liġi din il-Qorti mhix sodisfatta ma' l-allegazzjoni. Anzi pjuttost ma jirriżulta xejn minn dan;

Dwar il-meritu din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, infatti mill-provi li semgħet din il-Qorti ma jistax ikun hemm dubbju dwar l-animu u l-aġir ta' l-appellant u assolutament mhux il-każ li tiġi varjata s-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.